**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 12 ta' Jannar 2023**

Rikors Numru: 400/22 AL

A sive A B

vs

C D E

(M.R. Numru 298/1995)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet kien kkuntrattaw iz-zwieg fil-31 ta' Marzu 1995, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bl-Att taz-Zwieg li jgib in-numru mitejn tmienja u disghin tas-sena elf disa mija u hamsa u disghin (298/1995), hekk kif jidher minn Dok. A;
2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppublikat in atti tan-Nutar Joseph Smith La

Rosa, datat l-ghoxrin (20) ta' Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013) u dan hekk kif jidher minn Dok. B;

3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragionevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

4. Illi l-partijiet ghexu mhux flimkien ghall-perjodu ta' mill-anqas sitt xhur fl-ahhar sena u llum kull parti tghix hajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet;

6. Illi t-tfal li l-partijiet kellhom minn dan iz-zwieg huma llum maggiorenni;

7. Illi dawn il-fatti, hawn fuq imsemmija, jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-otteniment tad-Divorzju skont l-Artikolu 66B ta' Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju jew il-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet a tenur tal Artikolu 66 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta'Settembru 2022;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx ghal dawn il-proceduri u ma pprezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta' Frar 2013;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.